**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 2 ta' Marzu 2025**

**Kawża Numru: 2582/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Omissis**

**Abdi Ali Jama**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Omissis** u **Abdi Ali Jama,** ta' sitta u tletin (36) sena, imwieled nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988), ġewwa s-Somalja, iben Ali Jama u Fatima Said Ali, mingħajr residenza fissa, li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 102614A;

F'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużaw lil **Omissis** **WAĦDU** talli nhar l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-jiem u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa Paceville San Ġiljan u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Biegħ jew xort' oħra ttraffika l-pjanta ***Cannabis*** kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess żmien, lok u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha** liema reat sar ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu d-droga ***kokajina*** speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil **Abdi Ali Jama <u>WAĦDU</u>** talli nhar l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-jiem u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa Paceville San Ġiljan u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

4. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina ***(Cannabis Grass***), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

5. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina perikoluża (***kokajina***), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

**Liż-ŻEWĠ imputati Omissis u Abdi Ali Jama,** talli nhar l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-jiem u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa Paceville San Ġiljan u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Għexu ħajja ta' għażż u vagabuntaġġ u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis liż-żewġ imputati **Omissis u Abdi Ali Jama** bħala li saru reċedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu nstabu ħatja b'sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna liż-żewġ imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat **Abdi Ali Jama** rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat ukoll illi għalkemm oriġinarjament dawn il-proċeduri ttieħdu fil-konfront tal-imputat Abdi Ali Jama u ta' Omissis, fl-udjenza tal-llum stess, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fir-rigward tal-imputat odjern, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti, sabiex għalhekk issa ser tgħaddi għas-sentenza fil-

konfront tal-istess imputat ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Abdi Ali Jama** għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li l-imputat diġa nstab ħati diversi drabi ta' reati bi ksur tad-disposizjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Qieset ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(e), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti tnejn (2) u erbgħa (4) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 17, 49, 50, 338(w) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Abdi Ali Jama** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' **tmintax-il xahar priġunerija effettiva,** kif ukoll multa ta' **sitt mitt ewro** (€600).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien tlettax (13)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar minn meta l-ħati jiskonta s-sentenza ta' priġunerija effettiva, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl tal-fatt illi ma ġew eżebiti l-ebda oġġetti f'dawn il-proċeduri, stante li l-prosekuzzjoni ddikjarat li dawn huma meħtieġa fi proċeduri oħra, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għal konfiska tal-oġġetti li dwarhom sar ir-reat.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara